# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# TNAX -IL XAHAR TA' ĦIDMA
# Jannar sa Diċembru 2022

***Introduzzjoni***

Dan ir-Rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul il-perjodu ta' leġiżlatura ġdida li bdiet fis-seħħ minn Jannar sa Diċembru tas-sena 2022.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill u r-responsabilitajiet tal-membri kienu kif jidhru hawn taħt:

**Is-Sindku Mario Calleja:**

Finanzi u Sigurta`, proġetti kapitali u membru tal-bord tar-rivista.

Ambjent - ( Indafa ) – Kollezzjoni tal-iskart domestiku w goff, knies u BIS

Komunitajiet tan-negozji flimkien ma` Entitajiet oħra inkluż il-Kleru.

Tqassim ta` xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill

Douzelage Town Twinning Organisation, Progetti u Fundazzjoni GAL Xlokk.

**Il-Viċi Sindku Janice Falzon:**

Ambjent, Ambjent fejn jidħol Riserva tal-Magħluq.

Transport Pubbliku inkluż Bus Shelters.

Ħarsien tal-annimali.

Sports u attivitajiet fiżiċi.

Bord editorjali tar-rivista.

**Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri:**

Binja Amministrattiva.

Enereġija, Ambjent Marittimu fejn jidħlu gaġeġġ tal-hut u kull tniġġiz tal-ibħra tal-madwar

Integrazzjoni Socjali u membru tal-Bord tar-rivista, komunitajiet.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud:**

Edukazzjoni Primarja u rappreżentant tal-edukazzjoni fid Douzelage.

Anzjani

Indafa u tiżbieħ tal-ġonna u *promenade*

| | |
|---|---|
| | Rappreżentant tal-Kunsill fil-Wasteserv u l-Impjant ta` Sant` Antnin |
| | Rappreżentant tal-Kunsill fill-Kumitat tar-Reġjun Xlokk. |
| **IL-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri:** | Holqien ta` *Website* ġdida tal-Kunsill flimkien ma *facebook*. |
| | Edukazzjoni Sekondarja li tinvolvi laqgħat maż-żewġ kapijiet tal-iskejjel tagħna flimkien ma` Charlot Mifsud għall-edukazzjoni aħjar fil-lokal tagħna. |
| | Innovazzjoni |
| **Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud:** | Kultura, attivitajiet soċjali inkluż din tal-preparazzjoni għall-Jum Marsaskala. |
| | Persuni b`diżabilita` kif ukoll Ugwaljanza. |
| **Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli:** | Żgħażagħ u tfal. |
| | Proġetti tad-Douzelage. Applikazzjonijiet u rapport finali. |
| | Tħejjijja għall-laqgħa Ġenerali Annwali f`Marsaskala fl-2022. |
| **Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar:** | Qasam Soċjali |
| | Infittxu residenti li ma jgħixux diċenti. Nippruvaw naslu kemm mal-knisja kif ukoll mal-Awtoritajiet Ċivili. |
| | Sanita`. Infittxu garaxxijiet li jabitaw nies fihom mingħajr faċilitajiet sanitarji. |
| | Wirt Storiku. |
| **Il-Kunsillier il-Perit John Schembri:** | Infrastruttura tat-toroq. |
| | Disinji fuq proġetti proposti. |
| | Nidentifikaw għamara fit-toroq tagħna li jkollha bżonn manutenzjoni jew tinbidel. Hemm bżonn isir inventarju ta` kull biċċa għamara li għandna fit-toroq tagħna. |

Kif wieħed qiegħed jinnota, din is-sena, r-Rapport Amminitrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' tnax il-xhar, minn Jannar sa Diċembru tas-sena kurrenti.

Dawn l-aħħar tnax il-xhar tas-sena 2022 kienu bla dubju bla waqfien, li matulhom, il-Kunsill iltaqa` tnax il-darba sabiex jiddiskuti tnax il-aġenda differenti.

Matul is-sena 2022 saru żewġ laqghat tal-lokalita` fid-19 ta' April 2022 u fl-15 ta' Diċembru 2022.

L-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħa tal-Kunsill kienet hekk:

| Isem | Nru ta' Laqgħat | Preżenti | Assenti b'Apoloġiji | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku s-Sur Mario Calleja | 13 | 13/13 | 0/13 | 0/13 |
| Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon | 13 | 10/13 | 3/13 | 0/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri | 13 | 12/13 | 1/13 | 0/13 |
| Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar | 13 | 11/13 | 2/13 | 0/13 |
| Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri | 13 | 10/13 | 3/13 | 0/13 |
| Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud | 13 | 11/13 | 2/13 | 0/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud | 13 | 12/13 | 1/13 | 0/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli | 13 | 7/13 | 2/13 | 4/13 |
| Il-Kunsillier il-Perit John Schembri | 13 | 13/13 | 0/13 | 0/13 |

Matul dan il-perjodu kienu preżentati tletin il-mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, il-Kunsill kellu allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali li tammonta għal €1,167,810

**Sejħiet għall-offerti li nħarġu fis-sena 2022:**

| | |
|---|---|
| KLM2022/01 | Maintenance and construction of pavement boundary walls and the ancillary works |
| KLM2022/02 | Tender for the supply of a full electric van for the Marsaskala Local Council |
| KLM2022/03 | Professional service of and Architect to the Marsaskala Local Council |
| KLM2022/04 | Service of a blacksmith to perform various works to the Marsaskala Local council |

**Rapport ta' Ħidma mis-Sindku s-Sur Mario Calleja**

Kif dejjem nisħaq u ngħid illi il-Kunsill mhux waħdu iżda tim sħieħ. Apparti 9 kunsilliera inkluż jiena hemm l-Eżekuttiv li jikkonsisti fis-Segretarju Eżekuttiv u 7 segretarji nisa, 2 purament amministrattiv fuq korrispondenzi, sejħiet għall-offerti u ħlasijiet, 3 Customer care (*front desk)* waħda bis-siegħat mnaqqsa tieħu telefonati fuq skart goff u oħra tista tgħid tgħin fejn hemm bżonn. Għandna wkoll ħaddiem tal-RRS li jagħmel xogħol ta` żeba fit-toroq u 10 ħaddiema tal-komunita` mqasma fuq xogħol ta` latrini, ġonna, u manutenzjoni bħala tarmak u zebgħa.

**Finanzi tal-Kunsill**

Nista ngħid li minkeja lestejna l-binja amministrattiva u nfaqna kemxa flux mhux ħazin apparti nofs miljun mogħtija lilna mill-Gvern Centrali, xorta bqajna għaddejjin bis-servizzi lejn il-Komunita` tagħna. Finanzi huma responsabilita` tas-Segretarju Eżekuttiv u tieħi iżda nħossni naħdem komdu mmens peress li t-tnejn ingawdu l-fiducja ta` xulxin u bil-għaqal ħafna fejn jidħol amministrazzjoni finanzjarja.

**Forzi tal-ordni**

Il-Forzi tal-ordni fil-Lokal tagħna huma l- Uffiċjali tal-Pulizija fl-għassa, Uffiċjali tal-Pulizija tal-Komumita` kif ukoll fejn jidħol it-traffiku Ufficċjali tal-Komunita` magħrufa aħjar bħala (LESA). B` wiċċi minn quddiem ngħid illi magħhom għandi rapport eċċellenti.

**Indafa fit-toroq**

Hawn ma niddejjaqx ngħid illi naħdmu kemm naħdmu żgur li dejjem ser ikolna l-intoppi. Naħdmu b`ilsinna barra iżda xorta hemm ħafna aktar xi jsir. Nista ngħid li ħafna siegħat mill-ġurnata nissiltu biex innaddtfu. Nistqarr li l-impossibbbli jsir iżda s`issa mirakli le. Ħafna ħin tal-ġurnata nikkorrisponi mal-kuntrattur tal-kollezzjoni tal-iskart u knies. Wieħed isib diversi kategoriji ta` nies. Dawk li jħammġu apposta biex joħolqu diżgwid jew ikollhom xi aġenda moħbija, dawk maledukati, dawk barranin li jħadnu kultura totalment differenti minn tagħna. Aħna bħala Kunsill noffru kull tip ta` faċilitajiet bħall kontenituri ta` kull tip ta’ skart fosthom ta` skart separat u dawk anke tal-klieb. Xorta ssib nies li jabbużaw. Insibu wkoll għajnuna kbira minn naħa tad-Divizjoni tal-manutenzjoni u tindif taħt it-tmexxija tad-Direttur Ġenerali Ramon Deguara fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu.

**Latrini Pubblici**

Latrini pubbliċi għandna 4 peress li l-Lokal tagħna huwa wieħed pjuttost kbir. Dawn huma b` sistema ta` sejħa għall-offerti. Xejn kuntenti bis-servizz. Mhux tort tal-kuntrattur iżda tas-sistema. Ma tista qatt tagħti servizz jekk ma jkunx hemm persuna 12 il-siegħa ma` kull latrina. Kif jista jingħata servizz b`persuna waħda biss? Inaddaf u jgħammar il-latrini b`sapun u toilet papers. Impossibbli. Bħal ma diġa tkellimt aktar il-fuq ġieli saru mirakli biex jingħata s-servizz mistħoqq u kif suppost. Għandn persuna mill-ħaddiema tal-komunita` assenjata ma` waħda mill-latrini, dik ta` San Tumas.

**Stabbilimenti ta` ikel u xorb u negozji oħra**

Hawn nistgħu ngħidu illi għandna stabbiliment li joffru servizz tajjeb immense. Ikel bnien u anke prezzijiet raġonevoli. Speċjalment fl-istaġun tas-sajf ma jkunx hemm fejn toqgħod labra. Alla ħares mhux hekk. Kultant forsi jkun hemm xi ftit abbuż minn xi mwejjed u siġġijiet żejda iżda xejn ta` barra minn hawn. Nifmu li għandek nies li jdejjaqhom kollox u allura kollu jirrappurtaw. Wieħed irid jifhem li aħna mhux awtorita allura nkunu irridu mill-Awtoritajiet. Li nistgħu ngħidu żgur illi ma` hawnx xi ħwienet li nistgħu ngħidu għandna nkunu allarmanti fuqhom bħall discos etc. Żgur li ma nixtieqx li naslu f`dak l-istat. Qed jiżdiedu ħafna *outlets* oħra fosthom ħwienet mdaqqsa tal-merċa. Huma meħtieġa iżda dawn ukoll iġibu magħhom problema ta` parkeġġi speċjalment fil-ħinijiet ta` filgħodu waqt distibuzzjonijiet tal-merċa.

**Laqgħat online**

Hawn nista ngħid illi bqajna għaddejjin bil-laqgħat tagħna ta` kull xahar. Minkeja li mil-pandemija tefatna ftit lura, xorta waħda, u dan grazzi ghat teknoloġija bqajna niltaqgħu permezz ta` zoom u laqgha xorta tkun trasmessa fuq FB. Il-popolin ta` Marsaskala għandu kull mezz biex ikun jaf x'qed jiġri u jista jipparteċipa. Aħna bħala Kunsill nemmnu ħafna bit-trasparenza.

**Kleru**

Nista ngħid li mal-Kleru dejjem kelna rapport tajbin u dejjem ħdimna flimkien biex nwaslu messaġġi pożittivi lir-residenti tagħna. Jekk ma` jkunx hemm għaqda bejnitna żgur ma nippretendux għaqda bejn ir-residenti skaliżi.

**Infrastrutturi ta` toroq ġodda f` raħalna.**

Kif nafu l-Gvern irnexxielu jġib fondi Ewropej ta` € 7 mitt miljun biex jintefqu kollha fuq toroq madwar Malta u Ghawdex f`7 snin. Hawnhekk nista ngħid illi il-lokal tagħna messu sewwa minn dawn il-fondi. Nifmu li minkejja isir ix-xogħol xorta waħda issib min igerger. Ma nistgħux li ma jkollhomx raġun u dan minħabba n-nuqqas ta` serjeta` li għandhom ċertu kuntratturi. Dan l-aħħar għażilna xi toroq u bil-mod bdew isiru wkoll. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax l-Kap Eżekuttiv tal-Infrastrature Malta flimkien mal-Perit tiegħu sezzjoni Marittima Janice Borg li dejjem kienu hemm anke fejn kien hemm xi ħsarat urġenti.

**Ministeru tax-xogħolijiet**

Hawn ma nistax b'wiċċi minn quddiem ma ngħidtx grazzi il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi tal-għajnuna tiegħu fil-Lokal tagħna. Dan il-Ministeru nista ngħid li dejjem kien hemm biex tagħna l-għajnuna tiegħu fejn jinħoloq tkissir ta` bankini eċċ. Kieku ma jkunx hawn din l-għajnuna żgur li Kunsill id-daqs tagħna ma jiffunzjonax bl-allokazzjoni finanzjarja li nirċievu ta` kull sena.

**Parkeġġ pubbliku fl-iskola ta` San Gwakkin**

Hawn nista ngħid ukoll li wara ħafna terturi u tentattivi wasalna wkoll. Kwistajna 33 parkeġġ u b`wiċċi minn quddiem ngħid li l-pubbliku fl-akwata apprezza ħafna u obda mar-regolamenti.

**Infrastruttura marittima.**

Illum nistgħu ngħidu wkoll illi il-moll l-ġdid ta` Triq San Gorg tlesta wkoll. Hawn dejjem iltqajna mal-Għaqda tal-baħħara u sajjieda u l-Minority leader fil-Kunsill John Baptist Camilleri biex b`hekk nikkunsultaw qabel ma jsir xi xoħol. Xogholijiet saru kif suppost u kemm l-għaqda kif ukoll is-sajjieda u dawk dilettanti kienu sodisfatti.

**Douzelage Town twinning Organization and Chines Twinning**

Douzelage m`għandu bżonn ta ebda ntroduzzjoni. Marsaskala ġemmellat ma' 26 Muniċipalita` fl-Unjoni Ewropeja u ilna fi ħdan din l-Organizzazzjoni mill-2009. Nista ngħid li ħareġ ħafna ġid minnha. Ħafna residenti skaliżi esperjenzaw żjarat fi bliet differenti fejn qasmu l-Kultura maltija ma` oħrajn.

Ta` kull sena jiġu barranin jaħdmu fostna permezz ta` fondi Ewropej. B`hekk ukoll idawru l-ekonomija skaliża billi jikru lukandi u appartamenti. Jagħmlu xogħol mingħajr ħlas fi stabbilimenti ta ikel u xorb, IT, u kostruzzjoni. Rigward l-ġemmellaġ ma` Belt fi Ċina Dujiangyan. S`issa kull ma sar kien iffirmar biss peress li għad hemm il-problema tal-Covid 19. Ċert li l-lokal tagħna ser jigwadanja minn din il-Belt hekk sabiħa fiċ-Ċina.

**<u>Xogħol ieħor</u>**

Jiena llum irtirajt mix-xogħol u nista ngħid illi qed nifhem iżjed kemm l-uffiċċju tas-Sindakat irid xogħol. Hemm kuljum u xorta ma tlaħħaqx. Nieħu gost inkun ta` għajnuna. Nista ngħid li laqgħat u konferenzai ma jieqfux. Involut fil-Fundazzjoni Gal Xlokk, Reġjun Nofsinhar u anke fil-Kumitat tal-Inwadar. Ċittadin l-ewwel. Il-Kunsil jew Gvern Lokali huwa meqjus bħala servizz r-resident u qatt bħala Negozju.

**<u>Rapport ta' Ħidma mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon</u>**

**L-Ambjent u Il-Magħluq**

Aktar xogħol kontinwu ta' tisbiħ u tindif fil-ġonna tal-lokalita' tagħna.

Qeghdin jiġu installati *water mainlines* u *water faucets* fi Ġnien San Tumas sabiex Ambjent Malta jkunu jistgħu jibdew bil-proġett ta' tħawwil ta' *hedging*, siġar u pjanti indiġeni, tindif fl-istaġun tal-Ħarifa.

**Trasport/Trasport Pubbliku**

Inxtara l-van tal-elettriku minn l-iskema accessibilita' u mobilita fejn qegħdin naraw l-aħjar prassi mas-Silver T sabiex dan il-van ikun utiliżżat għall-aħjar tal-anzjani tagħna biex ikunu jistgħu jagħmlu l-qadi tagħhom ta' kuljum.

Mozzjoni sabiex il-*junction* li hemm f'salib it-toroq ma Triq il-Vjola, Triq tal-Gardiel u Triq id-Daħla ta' San Tumas tinbidel f'*roundabout* li tipprovdi aktar sigurta' għal din l-akwata. Il-*junction* mhux isservi l-iskop li nħolqot għalih, speċjalment bil-ftuħ ta' Triq il-Vjola.

Minħabba li hemmhekk għadhom qed isiru ħafna inċidenti qegħdin ukoll nitolbu sabiex jiġi rikonoxxut bħala accident black spot. Dan għandu jwassal sabiex is-sewwieqa li jkunu għaddejin minn din il-parti ta' Marsaskala jkunu aktar kawti u attenti għas-sigurtà tagħhom u ta' ħaddieħor.

**Ħarsien tal-Annimali**

Approvajna fond sabiex il-komunita' tal-*istray cats* ikunu jistghu jibbenifikaw minn vawċers għan-neutering u VET fees.

Wara ħidma sa minn 2019, fl-aħħar ġiet inawgurata Dog Friendly beach oħra ġewwa Marsaskala, San Tumas.

**Sport**
Bqajna nagħtu l-għajnuna lill-għaqdiet sportivi ta' Marsaskala.

**Attivitajiet inkluż dawk Fiżiċi**

Milied Skaliz reġa kien ta' success u erġajna ukoll għal din is-sena bbenifikajna fondi biex jerġa jsir din is-sena u l-ħidma bdiet.

Servizz b'xejn ta' tindif tal-kompjuter/laptop, tneħħija ta' viruses, installazzjoni ta' anti virus, *format u backup* mingħand *The Notebook Centre* għar-residenti kollha ta' Marsaskala.

**<u>Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri</u>**

Last year, as a Local Council Member, I continued to pursue my work in education and innovation.

In respect to education while I was still the chairperson at the San Ġwakkin school Marsaskala I contributed with my specialisation to the wellbeing of the school and the students concerned. Ultimately, myself, with the rest of all the helpful staff and the administration of the school, we were all satisfied with the outcomes and feedback. I also attended for the seminar organised by the Malta Digital innovation Authority (MDIA) at the Embassy hotel Valletta. There I had the opportunity to duly discuss with experts from the authority and councillors from other localities the employment of smart tools and apps that could be employed within the localities. In the process we discussed the importance of smart cameras and other AI enabled tools that could eventually be employed within the locality to cater for our needs such as cleanliness and parking issues.

In respect to innovation I have always kept an eye on the locality's needs and whenever required I passed on comments from locals of Marsascala to the council. Like all the other councillors I also contributed towards providing my input for the locals' needs. I brought foward the discussion to enhance the frequency and flexibility in the public transport. In this case I placed emphasis on the early hours of the day when more citizens avail themselves of the public transport for work, hospital and university. I also brought forward the need to have smaller buses or vans that serve to enhance public transport use by adding waiting spaces for such buses/minivans in several localities of our town especially when taking in consideration the walking distance from the terminus. I brought forth the issue on the parking for the electric scooters and points for charging electric vehicles (EVs). I have lately proposed the set-up of one way access in Triq iz-Zafran to reduce the chances of traffic accidents in such a narrow street. I also placed emphasis on the need to reprogram the traffic lights in Triq Sant Antnin crossing Triq il-Gemmugha to streamline traffic originating or ending in Bellavista area.

I also constantly provided my opinion on the situation of the local flora ensuring that pruning would not be carried out early in the year but give enough time and therefore ensuring pollination for the wellbeing of the local bees but also in respect to the quality of our countryside.

Where and when necessary I also actively provided my opinion regarding the cleaning and maintenance of roads, road lights issues, garbage disposal and collection, and enhancement of signs and parking lights. I also attended for the Pink October meetings and related activities within Marsaskala and educational sessions of social media and privacy. I also believe that I attended most if not all the local council meetings.

I conclude that all of us local councillors, the mayor and administrative team have done a lot of important work, all for the wellbeing of the locals and the upkeep of the locality.

**Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud**

Bħala kunsillier li qiegħed responsabbli mill-ġonna publiċi, l-edukazzjoni, l-anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali wasal iż-żmien biex nagħti rendikont ta' xi affarijiet li għamilt matul din l-aħħar sena.

**Ġonna publiċi u soft areas:**

Nixtieq li mingħajr tidwir mal-lewża ngħid li kont qed nistenna ħafna aktar minn dak li filfatt sar. Rigward il-ġonna, kont nippretendi ħafna iktar fjuri biex isebbħu l-lokalita' tagħna. Għalkemm deher sew il-progress kbir minn meta reġa' ħa fidejh il-ġardinar Pierre li daħal bħala *part-time* mal-kuntrattur tagħna. Pierre jieħu ħsieb iż-żbir, tisqija, ħrit, taħwil, u kull ħaga li għandu x'jaqsam mal-ġonna. Dan jiddeppendi dejjem minn dak li jiprovdilu l-kuntrattur bħal pjanti u fjuri biex jitħawlu. Flimkien ma' Pierre, hemm ukoll Keith, ħaddiem tal-kunsill, li jagħti daqqa t'id rigward qtugħ ta' ħaxix, etc. Ovvjament, dawn iż-żewġt ħaddiema, jistinkaw iżda mirakli ma jsirux. Dan l-aħħar, rajna wkoll żieda ta' ħaddiem ieħor minn naħa tal-kuntrattur pero ix-xogħol għadu ferm lura. Jeħtieġ li mill-bidu tal-kuntratt jkun hemm ħaddiema biżżejjed għax-xogħolijiet li jkunu jridu jsiru.

Fi Ġnien Sant' Anna sar tisbieħ notevoli bħal pereżempju bdil ta' bankijiet, parti mill-'*fencing*' u *dustbins* però` nħossni ferm diżappuntat meta nara l-funtana wieqfa. Hija ħasra peress li meta kienet taħdem kienet tagħti atmosfera ferm isbaħ lil dan il-ġnien. Qed nagħmel ħilti kollha biex din terġa' tibda taħdem kif suppost.

**Anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali:**

Issa li qed ngħix l-anzjanita' tiegħi żgur li nista' nifhem perfett u nisimpatizza ma' din il-faxxa fis-soċjeta' tagħna. Huwa fid-dover tiegħi li nara' li dawn l-anzjani jkunu megħjuna bl-aħjar mod. Dan isir billi l-ewwel nett inneħħu kull periklu possibli madwar il-lokalita'. Peress li ta' kuljum jkolli kuntatt dirett ma' ħafna anzjani, nagħmel ċert li l-ilmenti tagħhom inwassalom il-kunsill u nipprova mill-aħjar nsib soluzzjonijiet għalihom. Nħossni frustratt li ċertu ilmenti li nkun ili nressaq jingħataw widen wara ħafna żmien jew agħar u agħar wara li jweġġa' xi ħadd. Eżempju ta' dan huwa puġaman tant meħtieġ ħdejn id-dar tal-anzjani. Il-lokalita' qiegħda dejjem tikber u nħoss li wasal iż-żmien li ninvestu f'iktar ħaddiema biex ix-xogħol ma jieħux daqshekk fit-tul. Nixtieq minn hawn naċċerta lil kul min javviċinani b'xi problema jew ilment, nagħmel ħilti kollha biex dawn jiġu solvuti.

Xi ħaga ferm għall-qalbi huma l-laqgħat li jsiru fl-*Active Aging Centre* għax fihom jkolli kuntatt dirett ma' ħafna anzjani f'daqqa. Jien flimkien mas-*social worker*, Vince Tonna, niddiskutu diversi suġġetti fosthom servizzi li jistgħu jagħmlu użu minnhom l-anzjani u s-saħħa ħolistika. Il-kunsill ħa ħsieb u xtara vann ġdid biex ikun għal-użu tal-anzjani fil-lokal. Dan se jkun operat minn xufier li se jiġi provdut mic-ċentru stess. J'Alla dan is-servizz ġdid ikun ta' benefiċċju u apprezzat mill-anzjani Skalin. Ħaġa oħra għall-qalbi hi meta nattendi laqgħat u konferenzi relatati mal-anzjanita` u kif wieħed jista' jtejjeb il-ħajja ta' kwalita` biex dawn jibqgħu attivi fis-soċjeta` tagħna. Huwa important li nibqgħu qrib u nitgħalmu minn xulxin.

Għalkemm il-ħarġiet li kienu jsiru regolari għal-Għawdex kellhom jitwaqqfu minnħabba l-pandemija tal-Covid-19. Fuq insistenza ta ħafna anzjani, ma neskludix li 'l quddiem dawn jergġħu jibdew jiġu organizzati.

**<u>L-edukazzjoni:</u>**

Bħala ex-għalliem għal-bosta snin, dan il-qasam huwa ferm għal-qalbi u importanti. Bħala president li nirrappreżenta kemm lil-għalliema u anke l-ġenituri jkolli laqgħat mal-kapijiet taż-żewġ skejjel li għandna fil-lokalita'. Huwa ta' sodisfazzjoni meta nattendi għall-*Prize days* u nara l-istudenti tagħna jiġu premijiet għas-suċċessi diversi tagħhom. F'dawn l-okkażżjoniiet, il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu billi jiprovdi kotba għall-istudenti bħala premijiet. Il-Kunsill jagħti wkoll offerti ta' kotba ġodda biex jitpoġġew fil-librerija pubblika li għandna fil-lokalita`.

Dawn huma uħud mill-ħidmiet tiegħi lejn il-komunita` u sakemm il-Bambin jagħtini s-saħħa nħoss li b'dover għandi nkompli nagħmel dan ix-xogħol b'dedikazzjoni għal-ġid tal-iskalin kollha. Tiddejqu xejn twaqfuni kull meta tarawni u jiena nwegħdkom li nagħmel dak kollu li nista` biex ngħinkom.

**<u>Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri</u>**

Rapport dwar xogħolijiet konnessi min-naħa tiegħi bhala kunsillier responsabbli min Enerġija nadifa u dwal ta' toroq u ġonna publiċi kif ukoll integrazzjoni soċjali u ambjent Maritimu tull din is-sena.

Ix-xogħol ta' manutenzzjoni fejn jidħol dwal tat-toroq, ġonna publiċi u ix- xatt mill Ponta ta' Żonqor sal-Bajja ta San Tumas tistgħa tgħid li ma jieqaf qatt. Ninnutaw li hemm ħafna arbli ornametali li ta spiss qed ikollom ħsarat ikawżati minn deterjorazzjoni tal-linji u anki holders.

Kif ukoll installazjoni ta' dawl ġdid f'toroq ġodda jew toroq li kien hemm nuqqas ta dawl.

Hawn taħt hemm lista ta` uħud mill- affarijiet li saru tull dan iż-żmien.

1. Din sena ikontribuxxejt fejn kont mitlub sabiex ikun installat is-servizz tal-Enemalta għal bini ġdid tal-kunsill.
2. Wara li tlesta ix-xogħol tal-bini tal-kunsill u fanali ta barra lestejna sistema ta' fanali għall-Ġnien Sant'Anna kollhu.
3. Wara li tlesta ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-bankijiet ta' Triq ix-xatt. Ħadt ħsieb sabiex irranġajna u għamilna titjib sostanzjali fil-fanali il-baxxi ta ma l-art.
4. Bdejna sistemma ta' titjib fejn jinqatgħu l-bozzoz ta' dawk ornamentali fil qalba ta' Marsaskala qlibnijom min SON 70 għal dawk LED u żammejna l-istess fanali dekorativi.
5. Komplejna bil-manutenzjoni li jinkludi restawr u tranġar ta' iktar Fanali ornamentali fi triq iż-Żonqor .
6. Bidilna r-rifleturi ta' taht l-arkati ta' Triq is Salini u minflokhom waħħalna refletturi li jaħdmu b' LED's
7. Fit-toroq kollha fejn ikun hemm fanali tat-toroq li jkunu fi stat ħażin qedin inbidluhom u minflokk inwahlu LED.

7 Tajt sehmi sabiex jinġibu servizzi sabiex jitwaħlu *cameras* ta sigurta` madwar il-BIS.
8 Ħadt ħsieb sabiex fejn twaħlu l-*cameras* waħħalna rifletturi sabiex ikun hemm dawl adekwat.
9 Ikordinajt mal-kuntratturi ħabba dawl tal-Milied.
10 Kont parti min kumitat ta' kunsilliera fejn ghamilna il-Christmas Village. Jien kont responsabli mid-dwal u enerġija li ntużat .
11 Ipparteċipajt ma ħafna laqgħat li saru mal-periti ta' *Infrastructure Malta* li kienu qed jaħdmu fuq il-moll fi Triq San Ġorġ u Triq iż-Żonqor.
12 Bidilna r-riffeturi kollha fuq is-simenta u waħalna LED's minflokom.
13 Laqgħat regolari mal-kuntrattur tad-dwal tat Toroq u mal-Enemalta.

Waħħalna dawn il-fanali ġodda f' dawn it-toroq :-

- 1 Bajja San Thumas.
- 1 Santa Tereza street.
- 1 La Sengle.
- 1 Frans Grech.
- 4 Dahla ta San Tumas
- 3 Wied iz-Ziju.

Dwar l-integrazzjoni soċjali saru xi kuntatti iżda minħabba il-pandemija ma tantx setgħa jsir xogħol f'dan ir-rigward. Issa ġie imwaqqaf sotto kumitat u qedin isiru laqghat regolarment.

**<u>Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier il-Perit John Schembri</u>**

Last year, as a Local Council member I continued to observe and act on the Infrastructure of our seaside town as usual. My duties included mainly to report on any irregularities and damges throughout the place.

Last year saw the initial stages of the new reinforced concrete small breakwater at Triq San Gorg. I inspected the construction Works regulary and can verify that the progress of Works was commendable while the Works per se were very professionaly done.

Regarding other projetcs, though on a very small scale, were insepcted by myself since I notices no negligence, I can report that everything was done as should be.

I also drew a report about rubbish being dmped on ODZ area an a was given attention by my collegues. I fact alot of cleaning was carried out.

I conclude that we have done alot of important Works all coucillors and Mayor together. Of course, this work would have been futile without the sterling input of all employees of the Local Council

**Konklużjoni**

Sena 2022 kienet sena oħra mpenjattivia. Kif spjegajt ruħi aktar il-fuq ma nistax ma ngħidtx grazzi kbira l-maggoranza tal-Kunsilliera li jgħinuni ħafna fix-xogħol ta` kuljum. Jattendu miegħi fejn ikun hemm bżonn. Nifhem il-problemi li jiltaqgħu magħhom minħabba l-ġeneru tax-xogħol taghhom.

Grazzi s-Segretarju Ezekuttiv, persuna raġonevoli ħafna u ta` fiduċja kbira. L-assistenti tiegħu Lucille u Chantel, front desk Rebecca, Claire u Sharon kif ukoll Sandra u Marthese li jieħdu ħsieb ħafna lmenti oħra speċjalment fejn jidħol kollezzjoni tal-iskart u ġbir ta` skart goff. Grazzi tmur l-Aldo li huwa eks haddiem tat-tarzna u misluf lilna mill-Gvern tal-iskema tal-RSS u grazzi wkoll il-haddiema tal-komunita Ryan, Marcel, Keith, Darren, Samuel, Renee, Pierre, Eman u Mario li huma mqassmin fuq diversi xogħolijiet ta` kuljum bħal ġonna, latrina, marki fit-toroq, tindif u manutenzjoni ohra.